

32006R1915

L 365/76

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.12.2006

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1915/2006

tat-18 ta' Diċembru 2006

**Li jissokkta s-sorveljanza Komunitarja minn qabel ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u ta' l-azzar li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 <sup>(1)</sup> tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 518/94, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2474/2000, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi u li jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 1765/82, u (KEE) Nru 3420/83 <sup>(2)</sup>, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1138/98, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitati Konsultattivi,

Billi:

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 76/2002 <sup>(3)</sup> tas-17 ta' Jannar 2002, il-Kummissjoni introduċiet sorveljanza Komunitarja minn qabel ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u ta' l-azzar li joriġinaw minn pajjiżi terzi. Dan ir-Regolament kien emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1337/2002 <sup>(4)</sup> ta' l-24 ta' Lulju 2002 sabiex ikabbar il-firxa tas-sorveljanza, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2385/2002 tat-30 ta' Diċembru 2002 <sup>(5)</sup>, u mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 469/2005 tat-23 ta' Marzu 2005 <sup>(6)</sup>.

(2) L-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità mhix disponibbli fi ħdan il-perjodi stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2000 kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1669/2001 <sup>(7)</sup>.

(3) Għalkemm is-sitwazzjoni nbidlet minn mindu ġiet introdotta s-sorveljanza fl-2002, l-iżviluppi fis-suq dinji ta' l-azzar għadhom jeħtieġu sistema ta' informazzjoni rapida u affidabbli dwar l-importazzjonijiet tal-Komunità fil-ġejjieni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 349, 31.12.1994, p. 53. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2200/2004 5ĠU L 374, 22.12.2004, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 67, 10.3.1994, p. 89. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 427/2003 (ĠU L 65, 8.3.2003, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 16, 18.1.2002, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 469/2005 (ĠU L 78, 24.3.2005, p. 12).

<sup>(4)</sup> ĠU L 195, 24.7.2002, p. 25.

<sup>(5)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 125.

<sup>(6)</sup> ĠU L 78, 24.3.2005, p. 12.

<sup>(7)</sup> ĠU L 229, 9.9.2000, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1949/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 10).

(4) Sa mill-2003, is-suq Ċiniż kien il-mutur prinċipali taż-żjeda konsiderevoli fid-domanda għall-prodotti ta' l-azzar. Madankollu, iċ-Ċina qed iżżid il-kapaċità ta' produzzjoni tagħha b'pass verament mgħaġġel. Il-produzzjoni Ċiniża ta' azzar mhux maħdum żdiedet minn 129 miljun tunnellata fis-sena 2000 għal 349 miljun tunnellata fl-2005, li wasslet biex is-sehem ta' produzzjoni dinjija jiżdied minn 15,4 % għal 36 % matul l-istess perjodu, u qed jiżdiedu iktar kapaċitajiet ta' produzzjoni li jstgħu jżidu l-kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża fl-2006. L-importazzjonijiet ta' l-UE miċ-Ċina ammontaw għal madwar 0,9 miljun tunnellati fl-2004 u 1,6 miljun tunnellati fl-2005. Iċ-Ċina kienet importatur nett ta' 15-il miljun tunnellata fl-2004 iżda se ssir esportatur nett fl-2006. Jista' jiġi mbassar li fiċ-Ċina din it-tendenza ta' tnaqqis fl-importazzjonijiet u żieda fl-esportazzjoni se tkompli, u permezz ta' dan jidħlu fis-suq dinji kwantitajiet konsiderevoli ta' prodotti ta' l-azzar li jkun qegħid ifittxu suq għdid.

(5) Għall-ewwel nofs ta' l-2006, l-aktar statistika reċenti ta' importazzjoni disponibbli għal erba' tipi ta' prodotti ewlenin, primarjament prodotti ċatti, prodotti twal, tubi u pajpijiet, u prodotti parzjalment mitmuma, wriet żieda kumplessiva medja ta' 11 % meta mqabbel ma' l-istess perjodu fl-2005, u 18 % u 13 % rispettivament għal prodotti twal u prodotti parzjalment mitmuma. It-total ta' l-importazzjonijiet fl-2005 kien ta' 26,2 miljun tunnellata, meta mqabbel ma' l-20 miljun tunnellata fl-2002, li juri żieda totali ta' 31 % fl-importazzjonijiet għal tliet snin.

(6) Analiżi ta' l-ewwel sitt xhur ta' l-2006 turi livell għoli sostnut ta' importazzjonijiet, b'żieda kumplessiva ta' 29 % f'dak il-perjodu, filwaqt li ċ-ċifri għat-tielet kwart ta' dik is-sena qed jindikaw xejra pożittiva oħra.

(7) Barra minn hekk, il-prezzijiet fis-suq Komunitarju, l-istess bħalma huma fis-suq ta' l-Istati Uniti, għadhom għoljin u, ġeneralment, huma bejn 20 % u 30 % ogħla minn daww osservati fis-swieq Ażjatiċi. Din id-differenzjazzjoni fil-prezz x'aktarx tattira l-interess ta' esportaturi minn pajjiżi terzi u, matul l-2006, ġew osservati l-ewwel indikazzjonijiet ta' tnaqqis fil-prezz fis-suq Amerikan u fis-suq ta' xi pajjiżi Ewropej.

(8) Barra minn hekk, l-istatistika dwar l-impjegji li joffru l-produtturi ta' l-UE turi tnaqqis ċar, u minn 414 500 persuna fis-sena 2000 naqsu għal 404 700 fl-2001, 390 200 fl-2002, 383 800 fl-2003, 375 900 fl-2004 u 347 000 fl-2005 — fi kliem ieħor tnaqqis ta' madwar 16 % fuq medda ta' ħames snin.

- (9) Fuq il-bażi ta' tendenzi reċenti fl-importazzjonijiet ta' prodotti ta' l-azzar, ta' żviluppi reċenti fis-suq Ċiniż, tal-pass aktar mgħaġġel fiż-żieda ta' l-importazzjoni, tad-differenzi kbar fil-prezzijiet bejn il-prodotti ta' l-azzar fis-suq ta' l-UE u dawk fi swieq terzi u tat-telf diġà konsiderevoli ta' impjeggi matul dawn l-aħħar snin, jista' għalhekk jitqies li teżisti theddida ta' ħsara lill-produtturi tal-Komunità għall-finijiet ta' l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 3285/94.
- (10) Għalhekk, l-interessi tal-Komunità jeħtieġu li l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar għandhom ikompli jkun suġġetti għal sorveljanza Komunitarja minn qabel sabiex tkun ipprovduta informazzjoni statistika avvanzata li tippermetti analiżi rapida tat-tendenzi fl-importazzjonijiet. Fid-dawl ta' l-iżviluppi mistennija msemminja hawn fuq, u fid-dawl tal-fatt li pajjiżi produtturi ewlenin ta' l-azzar issa daħħlu fis-seħħ jew estendew sistemi ta' sorveljanza simili sa l-2009, jixraq li dik is-sistema tissokkta fuq bażi eċċezzjonali sal-31 ta' Diċembru 2009.
- (11) Barra minn hekk, sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil żejjed u sabiex l-attivitajiet tal-kumpaniji qrib il-fruntieri ma jiġux iddisturbati eċċessivament, huwa mixtieq li titwessa' l-firxa ta' kwantitajiet żgħar esklużi mill-ambitu tas-sorveljanza Komunitarja minn qabel. Għaldaqstant, il-piż nett ta' importazzjonijiet li għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jidded għal 2 500 kilogramma.
- (12) Huwa mixtieq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu sabiex tinġabar id-*data* kemm jista' jkun malajr,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 76/2002, kif immodifikat bir-Regolamenti 1337/2002, 2385/2002 u 469/2005 huwa emendat kif ġej:

1. Fi tmiem l-Artikolu 1 ħassar

“3. L-importazzjonijiet li l-piżijiet netti tagħhom ma jisbqux il-500 kilogramma huma esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament” u ssostitwixxi b“3. L-importazzjonijiet li l-piżijiet netti tagħhom ma jisbqux il-2 500 kilogramma huma esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.”

2. Fl-Artikolu 6 ħassar “31 ta' Diċembru 2006” u minflok ikteb “31 ta' Diċembru 2009”.

*Artikolu 2*

Fir-rigward tar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa fil-Bulgarija u r-Rumanija mill-1 ta' Jannar 2007 tal-prodotti ta' l-azzar koperti minn dan ir-Regolament u mibgħuta bil-baħar qabel l-1 ta' Jannar 2007, mhux meħtieġ dokument ta' sorveljanza sakemm il-merkanzija tkun intbagħtet bil-baħar qabel l-1 ta' Jannar 2007. Hija meħtieġa l-preżentazzjoni tal-polza tal-merkanzija jew dokument ieħor tat-trasport li jitqies bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet Komunitarji bħala prova tad-*data* ta' meta ntagħtet il-merkanzija.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

B'deroga, l-Artikolu 2 għandu jidħol fis-seħħ biss soġġett għal u mid-*data* tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Peter MANDELSON  
*Membru tal-Kummissjoni*